MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2004

Numru. 638/2004

**PULIZIJA**
**SPETTUR DENNIS THEUMA**
**VS**
**GIUSEPPE SALVATORE MICALLEF**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Giuseppe Salvatore Micallef ta' 40 sena, iben Joseph u Theresa nee' Micallef, imwieled Stati Uniti ta' l-Amerika fil-5 ta' Lulju, 1963 u residenti l-isptar Monte Carmeli limits of Rabat, u bin-numru ta' l-passaport Amerikan Z6280776;

Talli filghaxija fl-10 ta' Gunju, 2000 gewwa dawn il-gzejjer specifikatament fl-isptar Monte Carmeli, fi Triq Notabile limits of Attard, volontarjament ta n-nar lil materjal li jaqbad, u dan il-bini, gharix jew lok iehor jew dan il-materjal kien qieghed b'mod li jista' jqabbad il-hruq lil bini iehor, gharix jew lok iehor, fejn f'dak il-waqt hemm gew

kien hemm xi persuna u dan ai termini tal-artikolu 217A (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, specifikament kamra menseclusion ward fl-Isptar Monte Carmelo ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta, liema hsara teccedi l-elf lira, u dan ai termini ta' l-Artikolu 325 (1) (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-verbal ta' l-25 ta' Awissu 2004 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu;

Semghet it-trattazzjoni ta' l-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti wara li rat u ezaminat l-ammissjoni ta' l-imputat, issib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat Artikolu 317 (a) (ii) u 325 (1) (a) tal-Kap 9, u Art 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet snin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------